

Dar l-Istorja Ewropea
Rue Belliard/Belliardstraat 135
1000 Brussell
Il-Belġju

www.historia-europa.ep.eu/mt
www.facebook.com/HistoriaEuropa
twitter.com/HistoriaEuropa
instagram.com/visit_EP

© Unjoni Ewropea, 2018
**Cat. No** QA-04-18-523-MT-N **ISBN** 978-92-846-3018-9 **doi:** 10.2861/867987

## INFORMAZZJONI PRATTIKA

Għal aktar informazzjoni, riżorsi online u avvenimenti, jekk jogħġbok ara s-sit web ta' Dar l-Istorja Ewropea
*www.historia-europa.ep.eu/mt*

Għal informazzjoni dwar il-bqija tal-offerta għall-viżitaturi tal-Parlament Ewropew, jekk jogħġbok ara
*www.europarl.europa.eu/visiting/mt*

### ĦINIJIET TAL-FTUĦ

**It-Tnejn:** 13.00 – 18.00
**Mit-Tlieta sal-Ġimgħa:** 9.00 – 18.00
**Is-Sibt u l-Ħadd:** 10.00 – 18.00

**Magħluq** fl-1 ta' Jannar, fl-1 ta' Mejju, fl-1 ta' Novembru u fl-24, il-25 u l-31 ta' Diċembru.

## TRASPORT

Dar l-Istorja Ewropea tinsab fil-Parc Léopold, qrib il-Parlament Ewropew.

**L-istazzjon ta' Bruxelles-Luxembourg**

L-istazzjon ferrovjarju ta' Bruxelles-Luxembourg jinsab 300 metru 'l bogħod minn Dar l-Istorja Ewropea u joffri konnessjonijiet diretti lejn l-istazzjonijiet ferrovjarji Bruxelles-Nord, Bruxelles-Central u Bruxelles-Midi.
*www.belgianrail.be/en*

**L-istejġ tal-linja Parc Léopold** 21 27

**L-istejġ tal-linja Luxembourg** 12 22 27 34 38 64 80 95

**L-eqreb stazzjon tal-metro** Maelbeek 1 5

**Karozza**

Il-parkeġġ għall-karozzi huwa disponibbli mingħajr ħlas. Irid jiġi pprenotat online qabel iż-żjara u jkun miftuħ biss fil-ġranet tax-xogħol.




Proġett tal-Parlament Ewropew

# DAR L-ISTORJA EWROPEA



FULJETT MINGĦAJR ĦLAS

Skopri Dar l-Istorja Ewropea fi Brussell u tgħallem dwar l-imgħoddi tal-Ewropa b'mod tassew attraenti.

Dan il-mużew avangardista joffri perspettiva ġdida u differenti dwar l-istorja tal-kontinent Ewropew. Jadotta approċċ transnazzjonali lejn in-nisel u l-evoluzzjoni tal-Ewropa u lejn il-wirt, it-tradizzjonijiet u l-interpretazzjonijiet differenti tal-istorja tagħha. Filwaqt li jitgħallmu dwar il-post li tokkupa l-Ewropa fid-dinja, il-viżitaturi huma mħeġġa jaħsbu b'mod kritiku dwar l-imgħoddi tagħha sabiex jinvolvu ruħhom fil-kwistjonijiet tal-lum u ta' għada.

Dar l-Istorja Ewropea, li tinsab qrib il-Parlament Ewropew f'binja ta' stil Art Déco fil-Parc Léopold, tifforma parti essenzjali ta' kwalunkwe żjara tal-belt.

Disponibbli b'24 lingwa, id-dħul għall-mużew huwa mingħajr ħlas. Il-kontenut huwa adatt għal udjenzi ta' etajiet varji, mill-iskola 'l fuq.

Il-fatt li naħdmu flimkien ma' gruppi u komunitajiet differenti jirrappreżenta parti fundamentali tal-attivitajiet tal-mużew. Il-mużew joffri żjarat u programmi mfasslin apposta għall-viżitaturi b'diżabilità jew li jeħtieġu għajnuna speċjali. Jekk jogħġbok ikkuntattjana bit-talbiet speċifiċi tiegħek.

## WIRJA PERMANENTI

Fil-qalba ta' Dar l-Istorja Ewropea, il-galleriji tal-wirja permanenti jużaw oġġetti, rikostruzzjonijiet u riżorsi multimedjali biex jirrakkontaw storja li tqanqal il-ħsieb tal-viżitaturi u li tiffoka fuq is-seklu dsatax u s-seklu għoxrin tal-kontinent Ewropew.



Il-wirja tibda bil-mit ta' Ewropa biex tesplora l-għeruq antiki tal-Ewropa u tistaqsi mistoqsijiet dwar il-wirt ta' tradizzjonijiet u kisbiet komuni tal-kontinent, b'tali mod li l-viżitaturi jħarsu lejn modi differenti kif jaħsbu lejn l-Ewropa.

Imbagħad il-wirja tkompli għaddejja bil-vjaġġ drammatiku tal-Ewropa lejn il-modernità fis-seklu dsatax matul żmien ta' taqlib politiku u soċjali u turi kif ideat rivoluzzjonarji ffjorixxew flimkien ma' avvanzi teknoloġiċi entużjażmanti.

Matul iż-żjara kollha, gwidi multimedjali li jinżammu fl-idejn u li huma disponibbli bl-24 lingwa tal-Unjoni Ewropea jassorbu lil kull viżitatur fl-istorja li tirrakkonta l-wirja. Reġistrazzjonijiet bil-vidjo u bl-awdjo jispjegaw kif l-oġġetti esibiti jittrażmettu l-istorja u jinvolvu lill-viżitaturi fl-esplorazzjoni tal-forzi qerrieda li tertqu l-ħajja Ewropea fl-ewwel nofs tas-seklu għoxrin. Il-viżitaturi se jkunu jistgħu jaraw b'għajnejhom l-impatt li kellu fuq il-ħajja tan-nies l-inżul tal-Ewropa lejn id-diżastru u l-abbiss tal-Ewwel u t-Tieni Gwerer Dinjija.

Mill-irdum tal-gwerra, il-viżitaturi jiġu ttrasportati lejn pajsaġġ politiku deċiżament differenti. Oġġetti u rikostruzzjonijiet juru perspettivi differenti lejn il-ħajja f'Ewropa maqbuda bejn żewġ superpotenzi f'kompetizzjoni ma' xulxin. Il-viżitaturi jesperjenzaw l-ideat paralleli tal-ġejjieni tal-kontinent filwaqt li jiġu sfidati jinnotaw id-differenzi u x-xebh ta' bejniethom.

Hekk kif l-Ewropa togħtor u tieqaf fuq riġlejha, il-viżitaturi jaraw kif tnisslu bosta movimenti moderni, fosthom it-tkabbir tal-kooperazzjoni Ewropea u l-passi lejn l-interkonnettività. Il-punt kulminanti ta' dan kollu huwa meta l-viżitaturi jintalbu jirriflettu fuq l-esperjenza tagħhom. L-Ewropa kif sawret lil kull wieħed u waħda minna? Liema approċċ għandna nieħdu lejn l-isfidi tal-lum fid-dawl tal-imgħoddi?

## TAGĦLIM U EDUKAZZJONI

Dar l-Istorja Ewropea hija post għal kulħadd. Tinforma, tikkontesta, tirrifletti, iżda fuq kollox tħalli lill-viżitatur jistaqsi mistoqsijiet. L-offerta ta' tagħlim tal-mużew tadotta perspettiva trans-Ewropea li tesplora l-memorji storiċi, l-esperjenzi diversi u l-bażi komuni tal-popli tal-Ewropa.



Firxa wiesgħa ta' riżorsi u avvenimenti hija disponibbli għal udjenzi magħmulin minn adulti, familji u tfal tal-iskola, inklużi taħditiet, sessjonijiet ta' ħidma, perkorsi ta' esplorazzjoni għall-familja u filmati.

### ADULTI

Konferenzi, korsijiet u kunċerti huma parti mill-avvenimenti annwali tal-mużew. Awditorju li jesa' 90 ruħ u li joffri faċilitajiet ta' interpretazzjoni simultanja jiżgura li l-avvenimenti jkunu jistgħu jiġu organizzati flimkien ma' sħab minn madwar l-Ewropa u lil hinn minnha. Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok ara l-fuljett dwar l-avvenimenti jew is-sit web tagħna.



### GĦALLIEMA U STUDENTI

Għajnuniet u riżorsi ta' tagħlim huma disponibbli kemm fuq il-post kif ukoll online. Minn fuq l-internet tista' tniżżel noti għall-għalliema kif ukoll attivitajiet għall-klassi u fi gruppi, flimkien ma' ritratti, filmati u testimonjanzi bil-miktub. Fuq il-post tista' ssib fuljetti bl-attivitajiet, sessjonijiet ta' ħidma prattika u anki atturi lebsin il-kostumi. Iċċentrat fuq sensiela ta' oqsma tematiċi ewlenin, dan il-materjal jista' faċilment jiġi adattat biex jintuża id f'id ma' kontenut kurrikulari f'kuntesti nazzjonali differenti.



### FAMILJI

Attivitajiet divertenti u interattivi jippermettu liż-żgħar (u mhux lilhom biss) jifhmu xi wħud miż-żminijiet sbieħ u oħrajn koroh tas-sekli mgħoddija. Iġbor passaport għall-"Vjaġġaturi fiż-Żmien" jew backpack għall-"Perkors ta' Esplorazzjoni" fil-front desk u għaddi sal-"Ispazji ta' Esplorazzjoni għall-Familji" li jinsabu f'kull sular u li joffru attivitajiet interattivi adatti għall-familji. Għal aktar informazzjoni dwar avvenimenti speċjali għall-familji u għat-tfal, jekk jogħġbok ara l-fuljett dwar l-avvenimenti.

## WIRJIET TEMPORANJI

L-offerta ta' Dar l-Istorja Ewropea tinkludi wkoll wirja temporanja ta' kull sena li tipprovdi l-opportunità li tkompli tiżviluppa jew testendi t-temi u l-perjodi mill-wirja permanenti. Dan jippermetti li jkun hemm tipi ta' wirjiet differenti jew innovattivi kif ukoll kontenut varjat, b'modi li huma attraenti għal udjenzi differenti. L-istess bħall-wirja permanenti, dawn il-wirjiet temporanji jadottaw approċċ transnazzjonali u interdixxiplinari.




## LIL HINN MILL-ĦITAN TAL-MUŻEW

Minn Brussell jew Budapest, minn Ghent jew Gdańsk, Dar l-Istorja Ewropea tilħaq lil nies u lil komunitajiet kemm fil-qrib kif ukoll fil-bogħod. Dan jinkludi proġetti u kollegamenti online ma' avvenimenti u istituzzjonijiet sħab madwar l-Ewropa, kif ukoll ħidma ta' sensibilizzazzjoni ffukata ma' diversi gruppi fil-viċinat immedjat u fir-reġjun tagħna.